

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1894**tal-5 ta' Ottubru 2015****dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill approva, billi adotta r-Regolament (KE) Nru 2027/2006 ⁽¹⁾, il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"). Il-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn iż-żewġ Partijiet ⁽²⁾ skada fil-31 ta' Awwissu 2014.
- (2) L-Unjoni nnegożjat protokoll ġdid (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") għall-Ftehim mar-Repubblika tal-Kap Verde li jagħti opportunitajiet ta' sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd li fiha r-Repubblika tal-Kap Verde teżerċita s-sovranià u l-ġurisdizzjoni tagħha f'dak li għandu x'jaqsam is-sajd.
- (3) Bid-Deċiżjoni 2014/948/UE ⁽³⁾, il-Kunsill awtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Protokoll, mingħajr ħsara għall-konklużjoni ulterjuri tiegħu.
- (4) Il-Ftehim stabbilixxa Kumitat Konġunt li għandu jimmonitorja l-applikazzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, b'mod konformi mal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti emendi li jsirulu. Sabiex jiffaċilita l-approvazzjoni ta' tali emendi, huwa xieraq li l-Kummissjoni Ewropea tingħata s-setgħa, soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi, biex tapprovahom skont proċedura simplifikata.
- (5) Għaldaqstant dan il-Protokoll għandu jiġi approvat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jipproċedi, fisem l-Unjoni, bin-notifika prevista fl-Artikolu 16 tal-Protokoll.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 181, 9.7.2011, p. 2.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/948/UE tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde (ĠU L 369, 24.12.2014, p. 1).

Artikolu 3

Soġġett għad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u fl-Artikolu 9 tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tapprova, fisem l-Unjoni, l-emendi li jsiru fil-Protokoll fi ħdan il-Komitat Konġunt.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

N. SCHMIT

ANNEX

Ambitu tas-setgħat u l-proċedura għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt

1. Il-Kummissjoni hija awtorizzata tinneogzja mar-Repubblika tal-Kap Verde meta jkun jixraq u, sakemm tikkonforma mal-punt 3 ta' dan l-Anness, għandha tapprova l-modifiki għall-Protokoll fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:
 - (a) reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, li taġġusta proporzjonalment il-kontribuzzjoni finanzjarja u tagħmel l-emendi meħtieġa, f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll;
 - (b) deċiżjoni dwar ir-regoli marbuta tal-appoġġ settorjali f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll;
 - (c) adattament tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd u r-regoli għall-implimentazzjoni tal-Protokoll u l-Annessi għalih f'konformità mal-Artikolu 5(2) tal-Protokoll;
 - (d) adozzjoni tal-miżuri għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd li jolqtu l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 4(4) u (6) tal-Protokoll.
2. Fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim, l-Unjoni għandha:
 - (a) taġixxi skont l-għanijiet li hija ssegwi fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd;
 - (b) tikkonforma mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar Komunikazzjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd;
 - (c) tippromwovi pożizzjonijiet li huma kompatibbli mar-regoli rilevanti adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd.
3. Meta huwa previst li tiġi adottata deċiżjoni dwar modifiki għall-Protokoll, kif hemm referenza fil-punt 1, waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa fisem l-Unjoni tqis l-informazzjoni statistika, bijoloġika u dik rilevanti oħra l-aktar reċenti mibgħuta lill-Kummissjoni.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jibagħtu dokument ta' tħejjija li jistabbilixxi d-dettalji tal-pożizzjoni prevista tal-Unjoni, fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt, lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-punt 1(a), il-Kunsill għandu japprova l-pożizzjoni tal-Unjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata ta' voti. Fil-każijiet l-oħra, il-pożizzjoni prevista tal-Unjoni mogħtija fid-dokument ta' tħejjija għandha titqies li tkun għet approvata, sakemm għadd ta' Stati Membri li jkun daqs minoranza li timblokka ma joġġezzjonax għaliha waqt laqgħa tal-korp preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien għoxrin jum mill-wasla tad-dokument ta' tħejjija, skont liema minnhom jiġi l-ewwel. F'każ li jkun hemm xi oġġezzjoni, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill.

Jekk, matul laqgħat ulterjuri, inkluż dawk fuq il-post, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-elementi l-ġodda, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tiegħu l-passi meħtieġa, fi żmien debitu, bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, meta xieraq, tippubblika d-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u tippreżenta kwalunkwe proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.